# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 22 ta' Jannar 2024**

**Numru 13**

**Rikors Numru 308/2020/1 LM**

**Peter Bonnici f'ismu proprju u bħala kuratur tal-interdett Patrick De Cesare skont Digriet numru 80/93 hawn anness u mmarkat bħala "Dokument A"; Martin Bonnici; Alexandra mart Richard Aquilina; Roberta mart Jeremy Biggs; Philip Leone Ganado; Angela mart il-Brigadier Rupert Montanaro; Martin Leone Ganado; Mary sive Marina mart Robert Arrigo**

**v.**

**L-Avukat tal-Istat;**

**Noel Borg**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell tar-rikorrenti minn sentenza ta' nhar l-14 ta' Settembru 2022 tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha, u liema sabet illi bit-tħaddim tad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Att X tal-2009 u liġijiet oħra viġenti ġew miksura d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti għat-tgawdija tal-proprjeta' tagħhom hekk kif imħarsin bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali. Bħala rimedju għal din il-leżjoni l-Ewwel Qorti ordnat lill-Avukat tal-Istat sabiex iħallas kumpens ta' mija u disgħa u disgħin elf, seba' mija u wieħed u għoxrin ewro (€199,721) f'danni pekunjarji u non-pekunjarji.

2. Il-fatti li wasslu għall-kawża tal-lum huma dawn: ir-rikorrenti huma proprjetarji, salv għar-rikorrent wieħed li għandu l-użufrutt fuq terz tal-fond, ta' 97 ġja 95B, 'Tower Store', Tower Road, Sliema. Dan il-fond huwa utilizzat bħala fond kummerċjali u r-rikorrenti akkwistaw id-drittijiet fuqu mis-suċċessjoni tal-mejtin ġenituri tagħhom Gertrude Decesare, Yvonne Leone Ganado u Maria Concetta sive Connie Bonnici.

3. Il-fond in kwistjoni kien inkera lill-mejjet Joseph Borg u wara mewtu l-kirja ddevolviet *ex lege* fuq ibnu Alfred Borg, illum mejjet, u sussegwentement fuq iben Alfred, Noel Borg. Illi l-kirja oriġinali kienet għal tmien (8) snin mill-1 ta' Lulju 1950, bl-ewwel erba' snin di fermo u r-rimanenti perjodu di rispetto, versu l-kera ta' mitt lira fis-sena. Din il-kirja kellha tiġi tterminata fit-30 ta' Ġunju 1958, però ai termini tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta din il-kirja ġiet awtomatikament imġedda u baqgħet tiġi hekk imġedda kull sena.

4. Ir-rikorrenti dehrilhom li dan kollu huwa bi ksur tad-drittijiet

fondamentali tagħhom għat-tgawdija ta' ħwejjiġhom u għalhekk ressqu din l-azzjoni odjerna u talbu illi:

(I) Tiddikjara u Tiddeċiedi illi fatti suesposti jikkostitwixxu ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanċiti fl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea magħmula parti mil-liġi ta' Malta bissaħħa tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta);

(II) Konsegwentement tiddikjara u tiddeċiedi illi l-lokazzjoni viġenti tal-fond 97 ġia 95B, magħruf bħala 'Tower Store', Tower Road, Sliema, a favur talintimat Noel Borg (K.I. 361468M), u l-provvedimenti tal-Kap. 69 talLiġijiet ta' Malta, tal-Att X tal-2009 u liġijiet oħra viġenti jilledu d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanċiti fl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u b'hekk huma nulli u / jew inapplikabbli in konfront tar-rikorrenti għar-rigward tal-proprjetà de quo.

(III) Konsegwentement tagħti dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti, u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq jew tiżgura t-twettiq taddrittijiet fundamentali tar-rikorrenti hekk kif garantiti skont il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, inter alia billi tiddikjara u tiddeċiedi illi r-rikorrenti ma humiex obbligati jġeddu l-kirja tal-fond 97 ġia 95B, magħruf bħala 'Tower Store', Tower Road, Sliema, lill-intimat Noel Borg (K.I. 361468M) u tiddikjara għalhekk illi r-rikorrenti huma intitolati jirriprendu l-pussess sħiħ tal-istess fond.

(IV) Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimati jew min minnhom huma responsabbli għal kumpens u danni pekunjarji u non-pekunjarji sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tal-leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kawża tal-fatti fuq spjegati fejn inter alia ma ġiex ikkreat bilanċ ġust bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilini, stante illi l-lokazzjoni sfurzata a tenur tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Att X tal-2009, fost infrazzjonijiet oħra, ma tirriflettix is-suq u lanqas il-valur lokatizju tal-proprjetà in kwistjoni.

(V) Tillikwida l-istess kumpens u danni pekunjarji u non-pekunjarji kif sofferti mir-rikorrenti, ai termini tal-liġi.

(VI) Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom iħallsu lir-rikorrenti l-istess kumpens u danni pekunjarji u non-pekunjarji, hekk kif likwidati ai termini tal-liġi, bl-imgħax legali tat-8% fis-sena mid-data tal-preżentata tal-kawża odjerna sad-data tal-effettiv pagament

Bl-ispejjeż kollha u bl-inġunzjoni tal-intimati għas-subizzjoni.

5. L-Avukat tal-Istat ressaq diversi eċċezzjonijiet:

1. Illi fl-ewwel lok, ma jidhirx li l-ilmenti mqanqla mir-rikorrenti huma ġustifikati għaliex peress illi l-kera saret wara d-19 ta' Ġunju, 1931 (id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Kap. 69) is-sitwazzjoni li qegħdin jilmentaw minnha r-rikorrenti ġiet maħluqa minnhom stess jew mill-antenati tagħhom. Dan jingħad għaliex f'każ li r-rikorrenti (jew il-persuna li daħal fil-ftehim lokatizju) daħlu għal ftehim lokatizju wara d-dħul fis-seħħ tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta huma għażlu li joqogħdu għad-disposizzjonijiet tal-istess Kapitolu u għaldaqstant kienu konsapevoli tar-reġim legali li jiggverna dak il-ftehim dak iż-żmien u għandu jipprevali l-prinċipju pacta sunt servanda;

2. Illi mir-rikors promutur jidher li r-rikorrenti qegħdin jilmentaw mill-Att X tal-2009 iżda dawn l-ilmenti mhumiex ġustifikati għaliex l-għan tal-imsemmi Att kien li ssir ġustizzja soċjali mas-sidien ta' proprjetà mikrija b'mod gradat, jilliberalizza l-kirjiet li saru qabel l-ewwel ta' Ġunju, 1995, kif ukoll biex ipoġġi s-sisien li jwassal għal suq tal-kera li jiffunzjona sew u b'hekk jipprovdi alternattiva xierqa għall-akkomodazzjoni adegwata u affordabbli;

3. Illi bla ħsara għal dak fuq imsemmi, l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta indikat mir-rikorrenti ma jistax jintlaqat mill-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta minħabba li skont l-artikolu 37(2)(f) tal-Kostituzzjoni, ebda ħaġa f'dan l-artikolu m'għandha tinftiehem li tolqot l-għemil jew ħdim ta' xi liġi safejn din tkun tipprovdi għat-teħid ta' pussess jew akkwist ta' proprjetà li sseħħ fil-kuntest ta' kirja;

4. Dejjem bla ħsara għal dak fuq imsemmi, l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta indikat mir-rikorrenti mhuwiex applikabbli għaliex il-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta bħala liġi eżistenti qabel l-1962 jinsab protett u mħares bl-artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni. Dan l-artikolu jipprovdi testwalment li, "Ebda ħaġa fl-artikolu 37 ta' din il-Kostituzzjoni ma għandha tolqot il-ħdim ta' xi liġi fis-seħħ minnufih qabel it-3 ta' Marzu, 1962 jew xi liġi magħmula fi jew wara dik id-data li temenda jew tissostitwixxi xi liġi fis-seħħ minnufih qabel dik id-data (jew xi liġi li, minn żmien għal żmien, tkun emendata jew sostitwita bil-mod deskritt f'dan is-subartikolu) ...";

5. Illi f'kull każ, l-invokazzjoni tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni huwa għal kollox improponibbli, għaliex dan l-artikolu jgħodd biss meta jkun hemm teħid obbligatorju tal-proprjetà. Tassew sabiex wieħed jista' jitkellem dwar teħid imġiegħel jew obbligatorju persuna trid tiġi mneżża' minn kull dritt li għandha fuq dik il-proprjetà bħal meta jkun hemm ordni ta' esproprjazzjoni ta' xiri dirett. Però dan mhuwiex il-każ hawnhekk, għaliex bl-applikazzjoni tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta r-rikorrenti ma tilfux għal kollox il-jeddijiet kollha fuq il-ġid in kwistjoni. Jiġi b'hekk li l-ilment tar-rikorrenti mhuwiex milqut fil-parametri talartikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u konsegwentement għandu jiġi mwarrab;

6. Illi mingħajr ħsara għall-premess, safejn ir-rikorrenti qegħdin preżumibbilment jattakkaw id-disposizzjonijiet tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta mil-lenti tal-ewwel artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponent iwieġeb li skont il-proviso ta' dan l-artikolu protokollari l-Istat għandu kull jedd li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhirlu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjetà skont l-interess ġenerali. F'dan is-sens huwa magħruf fil-ġurisprudenza li l-Istat igawdi minn diskrezzjoni wiesa' sabiex jistabbilixxi liema huma dawk il-miżuri meħtieġa għall-ħarsien tal-interess ġenerali;

7. F'dan il-każ l-indħil tal-Istat fl-użu tal-proprjetà mikrija mir-rikorrenti taqa' fl-ambitu tal-proviso tal-ewwel artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea peress li l-miżura ċensurata mir-rikorrenti hija waħda legali għaliex it-tiġdid awtomatiku tal-lokazzjoni u l-kontroll tal-valur tal-kera għal skopijiet kummerċjali toħroġ mil-liġi stess kif anke rikonoxxut mir-rikorrenti fir-rikors tagħhom;

8. L-iskop ta' din il-liġi, kif konfermata wara kollox minn ġurisprudenza stabbilita, għandha għan leġittimu u hija fl-interess pubbliku għaliex il-protezzjoni ta' fondi kummerċjali barra li hija maħsuba biex tippreserva l-vijabbilità ekonomika ta' intrapriżi kummerċjali, din tipproteġi l-impjieg tal-ħaddiema f'dawn l-intrapriżi, tivvantaġġja lill-konsumatur u tipprovdi stabbilità fis-servizz pubbliku provdut minn dawn l-azjendi;

9. Illi fuq ilment marbut mal-isproporzjon fil-kera, jiżdied jingħad li bid-dħul fis-seħħ tal-artikolu 1531D tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta l-kera dovuta wara l-1 ta' Jannar, 2014, qed tiżdied bil-ħamsa fil-mija (5%) kull sena, li ċertament mhijiex żieda negliġibbli;

10. Magħdud ma' dan, meta wieħed jiġi biex ikejjel il-miżien tal-proporzjonalità wieħed irid iqis ukoll li l-protezzjoni tal-kera skont l-artikolu 1531I tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta mhijiex għal dejjem, imma hija maħsuba li tintemm fl-2028, li mhuwiex daqstant 'il bogħod. Barra minn hekk, il-manutenzjoni ordinarja li tolqot il-post mikri tmiss biss lill-okkupant u mhux lis-sid;

11. Għalhekk meta wieħed jiżen dan kollu, il-konklużjoni hija li anke dan il-parti tal-ilment tar-rikorrenti dwar in-nuqqas ta' proporzjonalità mhuwiex ġustifikat għaliex ma hemm l-ebda ksur tal-ewwel artikolu tal-ewwel protokoll talKonvenzjoni Ewropea u għalhekk kull talba marbuta ma' dan l-artikolu mhux mistħoqqa;

12. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, dato ma non concesso, li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li kien hemm xi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, fatt li qed jiġi kontestat, l-esponent jirrileva li fiċ-ċirkostanzi odjerni, dikjarazzjoni ta' ksur tkun suffiċjenti u ma hemmx lok għar-rimedji oħra mitluba mir-rikorrenti.

Għaldaqstant, fid-dawl tas-suespost l-esponent umilment jitlob lil din l-

Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra tagħhom.

6. L-intimat Borg wieġeb hekk:

1. Illi, preliminarjament, ir-rikorrenti ma eżawrewx ir-rimedji ordinarji disponibbli lilhom ai termini tal-liġi u għalhekk din il-Qorti għandha tiddeklina milli teżerċita ssetgħat tagħha li tisma' l-kawża ai termini tal-proviso għall-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ai termini tal-proviso għall-Artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti rigwardanti allegat ksur tad-dritt għat-tgawdija tal-proprjetà kif sanċit fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea (l-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta) u fl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda stante li meta l-fond de quo ġie mogħti b'titolu ta' lokazzjoni lill-ante-kawża tal-inkwilini, il-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta kien diġà viġenti u għalhekk ir-rikorrenti ma jistgħux jallegaw l-ebda vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tagħhom billi l-konsegwenzi tal-liġi kienu ben magħrufa fil-mument li nħolqot il-lokazzjoni de quo;

3. Illi, l-istat tal-liġi llum huwa addirittura aktar favorevoli għal sid il-kera minn dik li kienet il-pożizzjoni meta saret il-lokazzjoni de quo billi inter alia (a) il-liġi issa qed tipprovdi għal awment awtomatiku fil-kera pattwita minn sena għal sena – Artikolu 1531D u (b) qed timponi terminu għal tmiem il-lokazzjoni – Artikolu 1531(I). Meta saret il-lokazzjoni de quo l-liġi ma kienet qed timponi l-ebda awment awtomatiku tal-kera. Għalhekk, ir-rikorrenti ma jistgħux jallegaw l-ebda vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tagħha bl-emendi introdotti bl-Att X tal-2009 billi l-pożizzjoni legali tagħhom ġiet miljorata minn dak li kien prospettabbli meta saret il-kirja de quo;

4. Illi t-talba tar-rikorrenti għal rimedju għandha tiġi miċħuda fil-konfront tal-esponenti billi huma dejjem aġixxew entro t-termini u kundizzjonijiet miftiehma bejn il-partijiet u entro d-dettami tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Illi mingħajr preġudizzju, u f'kull każ illi din l-Onorabbli Qorti ssib illi teżisti vjolazzjoni tad-drittijiet tar-rikorrenti kif esposti fir-rikors promtuur, it-talba tar-rikorrenti għal rimedju opportun għandha tiġi miċħuda fil-konfront tal-istess esponenti billi l-istess esponenti kien u baqa' dejjem jaġixxi entro t-termini u kundizzjonijiet miftiehma bejn il-partijiet u entro d-dettami tal-Liġijiet ta' Malta. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent

7. Tressqu provi dokumentarji u viva voce u kif ukoll ġiet innominata

l-Perit Marielouise Caruana Galea li rrelatat fuq il-valur lokatizzju tal-fond tramite rapport ippreżentat minnha (fol.156 et seq.)

8. L-Ewwel Qorti ddeċidiet hekk:

1) Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimat Avukat tal-Istat;

2) Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimat Noel Borg;

3) Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara li l-fatti li wasslu għal dawn il-proċeduri jikkostitwixxu ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanċiti fl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea magħmula parti mil-liġi ta' Malta bis-saħħa tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta);

4) Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti u tiddeċiedi li l-lokazzjoni viġenti tal-fond mertu ta' dawn il-proċeduri a favur tal-intimat Noel Borg, u l-applikazzjoni tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Att X tal-2009 u liġijiet oħra viġenti jiksru l-jeddijiet fundamentali tar-rikorrenti kif protetti blEwwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, u b'hekk mhumiex aktar applikabbli fil-konfront tar-rikorrenti għar-rigward talfond, u l-intimat Noel Borg ma jistax jibqa' jinvoka l-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Att X tal-2009 u liġijiet oħra viġenti, sabiex jibqa' jokkupa l-imsemmi fond;

5) Tiċħad it-talba tar-rikorrenti għar-ripreża tal-fond, għar-raġunijiet mogħtija fis-sentenza;

6) Tiddikjara li l-intimat Avukat tal-Istat għandu jagħmel tajjeb għal-leżjonijiet u għad-danni sofferti mir-rikorrenti, u bħala rimedju għad-danni pekunjarji u non-pekunjarji sofferti mir-rikorrenti, il-Qorti qegħda tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas lir-rikorrenti s-somma komplessiva ta' mija u disgħa u disgħin elef, sebgħa mija u wieħed u għoxrin Euro (€199,721).

Il-Qorti tordna wkoll lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex f'każ li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, jibgħat kopja tagħha lill-Onorevoli Speaker talKamra tad-Deputati kif stabbilit fl-artikolu 242 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jitħallsu interament mill-intimat Avukat tal-Istat.

9. L-Ewwel Qorti ddeċidiet dan wara diversi konsiderazzjonijiet,

fosthom u relevanti għal dan l-appell is-segwenti:

27. Il-Qorti tqis illi fil-każ odjern jirriżulta sproporzjon mhux raġonevoli bejn l-ammont ta' kera attwalment perċepit mir-rikorrenti, jiġifieri €573.36ċ fis-sena, u l-ammont ta' kera li r-rikorrenti setgħu jirċievu li kieku dan il-fond seta' jinkera fis-suq miftuħ tal-proprjetà. Jirriżulta minn dak stabbilit mill-Perit Tekniku Ġudizzjarju, li r-rikorrenti setgħu jdaħħlu kera fl-ammont ta' €11,751 fis-sena 1987; €12,842 fis-sena 1992; €15,302 fis-sena 1997; €17,230 fis-sena 2002; €19,230 fis-sena 2007; €21,859 fis-sena 2012, u €22,928 fis-sena 2017, filwaqt li valur lokatizju tal-fond fis-suq miftuħ preżentement huwa ta' €23,725. Il-Qorti sejra taħdem l-ammont ta' kera li r-rikorrenti setgħu jdaħħlu minn dan il-fond b'effett mis-sena 1987, in linea mal-insenjament mogħti fid-deċiżjoni ċċitata supra Radmilli vs. Malta, sabiex b'hekk jirriżulta telf ta' kirjiet potenzjali fl-ammont ta' €579,662.17 għal dawn is-snin kollha, filwaqt li mill-provi jirriżulta li r-rikorrenti attwalment daħħlu biss madwar €12,000 f'kirjiet matul l-istess żmien. It-telf li għamlu r-rikorrenti fuq dan il-perijodu ta' żmien għalhekk iqarreb l-ammont ta' €567,662, u dan huwa indikattiv tal-piż sproporzjonat li kellhom jerfgħu r-rikorrenti tul dawn is-snin. Huwa għalhekk evidenti l-isproporzjon u l-ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, u għalhekk għandu jingħata rimedju għal dan it-telf soffert minnhom.

…..

31. Kwantu għal-likwidazzjoni tad-danni li għandhom jitħallsu lir-rikorrenti, il-Qorti kkonsidrat il-fattur tat-telf materjali soffert minnhom konsegwenza tad-differenza sostanzjali bejn il-kera li rċevew tul is-snin, meta mqabbel mal-valur lokatizju tal-fond fis-suq miftuħ tal-proprjetà, u dan b'riżultat dirett tal-intervent tal-Istat Malti, l-iżbilanċ evidenti bejn l-interessi privati tar-rikorrenti u l-għan pubbliku li għalih ġew ippromulgati ċerti liġijiet, u li għal dan il-ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti għandu jitħallas kumpens mill-Istat.

32. Il-Qorti ttenni li d-danni li għandhom jiġu likwidati fi proċedimenti kostituzzjonali u konvenzjonali mhumiex l-istess bħad-danni ċivili li jiġu likwidati fi proċedimenti ordinarji, għaliex huma danni li għandhom jiġu likwidati minħabba vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-persuna, tenut kont tal-iskop soċjali u l-interess ġenerali tal-liġi. Għar-rigward tal-quantum tal-kumpens għal danni pekunjarji u non-pekunjarji, fis-sentenzi tal-Qrati tagħna kull każ jiġi determinat skont il-fattispeċi partikolari tiegħu. Minkejja dan, hemm numru ta' fatturi li din il-Qorti kkonsidrat qabel waslet għal-likwidazzjoni tad-danni li għandhom jitħallsu lir-rikorrenti, fosthom il-konsiderazzjoni li kieku dan il-fond seta' jinkera fis-suq miftuħ tal-proprjetà, id-dħul li kienu jirċievu r-rikorrenti kien ikun ta' aktar minn sitt mitt elf Euro, meta fir-realtà huma rċevew biss madwar tnax-il elf Euro f'kirjiet tul dawn is-snin kollha. Huwa fatt ukoll li għal diversi snin, l-Istat ma wera l-ebda ħeġġa sabiex jippromulga l-bidliet

leġislattivi meħtieġa sabiex din is-sitwazzjoni tas-sidien tal-proprjetajiet bħar-rikorrenti tiġi rranġata, u meta eventwalment iddaħħlu emendi leġislattivi bħall-Att X tal-2009, dawn ma kinux suffiċjenti biex jindirizzaw is-sitwazzjoni ta' sidien bħal dawn. Il-Qorti tirrileva li minkejja li fis-sena 2028, ir-rikorrenti ser ikunu jistgħu jirriprendu pussess tal-fond, għaliex it-terminu lokatizju ser jiġi fi tmiemu b'effett tal-liġi, xorta waħda fadal perijodu ta' sitt snin li matulhom il-kera ser tiżdied ftit li xejn.

33. Il-Qorti tqis li fil-każ odjern għandhom jiġu likwidati wkoll id-danni morali jew non-pekunjarji, u dan għaliex il-ksur tal-jeddijiet fundamentali tar-rikorrenti ġej mill-fatt li għal snin twal l-Istat Malti naqas milli jemenda l-qafas legali li jirregola kirjiet protetti, u dan minkejja titjib sostanzjali fil-qagħda soċjo-ekonomika tal-pajjiż, li wassal għal żbilanċ evidenti u piż inordnat fuq is-sidien ta' proprjetajiet bħal dawn. Liġi li tfasslet biex tħares l-għajxien tan-nies bejn iż-żewġ gwerer, ċertament li ma tistax titqies li hija ġusta llum, meta r-realtà ekonomika u soċjali fil-pajjiż inbidlet b'mod daqstant drastiku.

34. Il-Qorti tqis li kumpens pekunjarju li jammonta għal mija u disgħa u tmenin elf Euro (€189,221)[1] u kumpens non-pekunjarju li jammonta għal għaxart elef u ħames mitt Euro (€10,500) għandu jkun kumpens xieraq għall-ksur tal-jeddijiet fundamentali tar-rikorrenti. Dawn id-danni għandhom jitħallsu mill-intimat Avukat tal-Istat in rappreżentanza tal-Istat Malti.

10. Ir-rikorrenti intavolaw appell nhar it-28 ta' Settembru 2022. L-Avukat tal-Istat wieġeb għal dan l-appell nhar l-10 ta' Ottubru 2022. L-intimat Borg wieġeb għal dan l-appell nhar il-21 ta' Diċembru 2022.

11. Ir-rikorrenti bnew l-appell tagħhom fuq zewġ aggravji: (i) Li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta ma segwitx id-dettami ta' **Cauchi v. Malta** u l-każistika nostrana fejn il-kumpens pekunjarju jkun ta' 50% tat-telf li s-sidien ikunu għamlu tul iż-żmien qabel ma tiġi mnaqssa l-kera perċepita. L-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkalkulat biss terz tal-kera li potenzjalment setgħet ġiet perċepita u li ma tat l-ebda spjega kif waslet għal dan. In oltre, l-kumpens non-pekunjarju kellu jkun aktar għoli minn

[1] €579,662 - €12,000/3 = €189,221

dak likwidat (l-Ewwel Aggravju). (ii) Li l-kumpens likwidat, kemm pekunjarju u non-pekunjarju huwa żbaljat anke għaliex jidher li l-Ewwel Qorti kkalkulat it-total tal-ammonti indikati fir-rapport peritali b'mod żbaljat. L-ammont kellu jkun dak ta' €607,031 u mhux €579,662 (it-Tieni Aggravju).

12. L-Avukat tal-Istat wieġeb għal dan l-appell billi fir-rigward (i) tal-Ewwel Aggravju jgħid illi **Cauchi vs Malta** ma tipprovdix regola stretta li għandu jiġi mnaqqas 50% iżda hija biss gwida u dejjem għandha tingħata attenzjoni lill-fattispecie tal-każ u l-Qrati ma għandhomx japplikaw *a one size fits all*. L-Avukat tal-Istat jagħmel referenza wkoll għall-każistika tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li ordnat li jiġi mħallas kumpens f'ammont anqas minn dak indikat f'**Cauchi vs Malta**. Jargumenta li l-valur tal-fond jagħmlu diffiċli sabiex jinkera, u li kkunsidrat kollox, l-Ewwel Qorti kienet korretta meta eżerċitat id-diskrezzjoni tagħha. Jargumentaw illi r-rikorrenti ma ressqu l-ebda argumentazzjoni ġdida l-għala għandhom jingħataw kumpens aktar għoli minn dak ġia mogħti (ii) Fir-rigward tat-Tieni Aggravju jingħad illi r-rikorrenti huma żbaljati stante li ma għamlux kalkolu matematiku korrett u konsegwentement dan l-aggravju għandu jiġi miċħud.

13. L-intimat Noel Borg jistrieħ fuq id-direzzjoni li ser tieħu din il-Qorti stante li jargumenta li l-appell ma jolqotx lilu u b'hekk anqas għandu jbati l-ispejjeż tal-appell.

14. Wara li fliet dan kollu, l-Qorti ser tgħaddi sabiex tagħmel il-kunsiderazzjonijiet tagħha.

**Kunsiderazzjonijiet**

15. Ir-rikorrenti jargumentaw, fit-Tieni Aggravju, li l-kumpens mogħti kemm pekunarju u non-pekunarju huwa żbaljat għaliex jidher li l-Ewwel Qorti kkomputat it-total tal-ammonti indikati fir-rapport tal-Perit Tekniku Marielouise Caruana Galea b'mod żbaljat u li l-ammont ikkomputat kellu jwassal għal €607,031 u mhux €579,662.

16. Abbażi tar-rapport tal-Perit Marielouise Caruana Galea (fol.156 et seq.) il-valur lokatizzju li potenzjalment seta' kien perċepit bejn l-1987 u 2020 huwa fit-total ta' €606,941. Din il-figura tirrifletti komputazzjoni tat-tabella f'Dok P2 tar-Rapport tal-Perit Tekniku li jindika l-valur lokatizzju sena b'sena bejn l-1987 u l-2020 (ara *fol.*168, liema figuri huma riprodotti hawn f'Anness A). Jingħad li l-valuri indikati *a fol.*162 u ċioé paġna 7 tar-Rapport tal-Perit Tekniku jindika l-valur lokatizzju speċifikament tas-snin 1987, 1992, 1997, 2002, 2007, 2012, 2017 u anke 2020 iżda mhux ta' perjodi ta' snin bħall-eżempju 1987 sa 1991. Konsegwentement din il-Qorti qiegħda timxi fuq it-tabella f'Dok P2 *a fol.* 168 li tindika l-valur lokatizzju sena b'sena.

17. Mit-total suċċitat ta' €606,941 għandu jitnaqqas l-ammont ta' €3917

sabiex l-aggregat ta' kirjiet jirrifletti l-perjodu Mejju 1987[2] sal-aħħar tal-2020 fl-ammont ta' **€603,024**.

18. Dan l-aggravju qiegħed b'hekk jiġi milqugħ billi jingħad li l-Ewwel Qorti kellha tutilizza l-aggregat ta' kirjiet ta' €603,024 sabiex tasal tillikwida l-kumpens pekunarju u dan stante li fil-kunsiderazzjonijiet tagħha l-Ewwel Qorti strieħet fuq ir-Rapport tal-Perit Tekniku.

19. Fir-rigward tal-Ewwel Aggravju, r-rikorrenti jilmentaw li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tnaqqas aktar minn 50% mill-valur lokatizzju hekk kif ikkalkulat mill-Perit Tekniku u li l-kumpens non-pekunarju huwa wieħed baxx tant li r-rikorrenti jgħidu li l-kumpens illikwidat kellu jkun globalment dak ta' €314,015.50 u mhux ta' €199,721 u ċioé 50% tal-kirjiet li potenzjalment setgħu ġew pperċepitati tul il-perjodu in kwistjoni u li teżisti ġurisprudenza assodata fuq dan il-punt.

20. Din il-Qorti tosserva illi l-Ewwel Qorti, fil-waqt li għamlet diversi kunsiderazzjonijiet u strieħet fuq ir-Rapport tal-Perit Tekniku, ma spjegatx kif waslet għall-kumpens mogħti minnha u anqas il-formula użata minnha: "*[21] €579,662 - €12,000/3 = €189,221.*"

21. Din il-Qorti tosserva illi huwa minnu li fi snin riċenti l-ġurisprudenza nostrana mxiet b'ċertu uniformita'. Li fil-maġġorparti tal-każijiet relatati ma leżjoni tad-drittijiet proprjetarji frott l-operazzjonijiet tal-liġijiet li jirregolaw

---

[2] Dan tenut kont li l-Ewwel Qorti sabet li ġie leż l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea magħmula parti mil-liġi ta' Malta bis-saħħa tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta).

kirjiet qabel l-emendi tal-1995, fejn ma kienx hemm raġuni l-għala l-qrati jiddipartixxu mill-insenjament **Cauchi vs. Malta**, l-qrati tagħna mxew mal-istess speċjalment fejn il-fond hu dar residenżjali. Infatti l-Qorti, nhar id-29 ta' Marzu 2023, f'kawża fl-ismijiet **Joseph Cremona vs l-Avukat tal-Istat**[3] **et** saħqet:

> 8. Dwar l-aggravju li t-tnaqqis minħabba l-għan soċjali tal-liġi kellu jkun ta' tletin fil-mija (30%) u mhux ta' ħamsa u tletin fil-mija (35%) kif qalet l-ewwel qorti, din il-qorti tosserva illi, **għalkemm huwa minnu li t-tnaqqis ta' tletin fil-mija (30%) u għoxrin fil-mija (20%) msemmija f'Cauchi huma biss indikattivi u mhux regola li torbot, madankollu jixraq illi tinżamm uniformità fid-deċiżjonijiet u ma jsirx tibdil jekk mhux għal raġunijiet li jkunu speċifiċi għall-każ partikolari.** Fil-każ ta' Carmel Sammut imsemmi fis-sentenza appellata, din il-qorti kkonfermat is-sentenza tal-ewwel qorti illi naqqset 35% u mhux 30% għax l-appell kien tal-Avukat tal-Istat u mhux tas-sidien, u, naturalment, l-Avukat tal-Istat ma kellux interess jitlob illi r-rata ta' tnaqqis tonqos għal 30%; ma jfissirx b'hekk illi din il-qorti taqbel illi t-tnaqqis għandu bħala regola ġenerali jkun ta' 35% flok ta' 30%. **Fil-każ tallum din il-qorti ma tarax illi hemm ċirkostanzi speċjali li minħabba fihom għandha titbiegħed milli żżomm uniformità fid-deċiżjonijiet, u għalhekk din il-parti tal-aggravju sejra tintlaqa'.(emfażi miżjud)**

22. Fil-każ odjern u jekk din il-Qorti kellha timxi ma' dan l-insenjament, mis-somma ta' €603,024 titnaqqas il-figura ta' 30% u mbagħad 20% li jwassal għall-ammont ta' €337,693.44. Minn dan l-ammont titnaqqas il-kera mħallsa matul is-snin, li skont l-affidavit ta' Noel Bartolo (fol. 73 et seq.) kienet fl-ammont ta' €9862.57 għall-perjodu Mejju 1987 sa Diċembru 2020 (u mhux tnax-il elf ewro (€12,000), kif qalet l-Ewwel Qorti). B'hekk skont l-insenjament **Cauchi vs Malta** l-kumpens pekunarju jista' jkun ta' tliet mija u sebgħa u għoxrin elf, tmien mija u tletin ewro u

[3] Rikors numru 182/2021/1

sebgħa u tmenin ċenteżmu (€327,830.87).

23. Madankollu din il-Qorti tinsab rinfaċċjata <u>b'ċertu ċirkostanzi speċjali</u> li a konsegwenza tagħhom din il-Qorti, kif anke prevediet fil-każ suċċitat **Joseph Cremona vs l-Avukat tal-Istat**, ser titbiegħed milli żżomm uniformità assoluta mad-deċiżjonijiet passati.

24. Din il-Qorti tesprimi illi hija ben konxja li l-uniformita' f'deċiżjonijiet mogħtija għall-kawżi b'fattispecie simili tipprovdi gwida ċara u tiżgura li sitwazzjonijiet simili li jitressqu quddiem il-qrati tagħna b'mod indipendenti minn xulxin jiġu konklużi b'mod ukoll simili għall-xulxin.

25. Madanakollu ma nistgħux ninħbew wara dik imsejħa 'każistika assodata' sabiex dak li mhux ġust jitħalla għaddej. Fl-aħħar mill-aħħar, il-kunċett ta' *stare decisis* ma japplikax fis-sistema legali nostrana u l-każistika preċedenti tal-Qrati tagħna hija biss għodda, li għalkemm għanda kwalita' persważiva li tiżgura ċertezza legali, ma torbotx idejn il-Qorti.

26. Dan jingħad aktar u aktar meta l-ġudizzju li tgħaddi din il-Qorti, fl-istadju tal-appell, jiġi msejjes skont l-appelli mressqa quddiemha u aktar minn hekk skont l-aggravji. Din il-Qorti konsegwentement tibni fuq dak li tkun saħqet l-Ewwel Qorti u tirriforma s-sentenza limitatament kif mitlub minnha, u mhux neċessarjament tkun qed tgħaddi ġudizzju fuq il-kwistjoni fl-intier tagħha. Konsegwentement, l-uniformita', speċjalment minn din il-

Qorti, hija kkundizzjonata mill-appell imressaq quddiemha.

27. Premess dan jingħad li fil-każ odjern ir-rikorrenti jilmentaw li l-kumpens pekunjarju, abbażi tar-Rapport tal-Perit Tekniku, mhux biżżejjed għax ma jimxix ma' **Cauchi v. Malta**. Din il-Qorti qieset b'attenzjoni speċjali:

i. Ir-rapport tal-Perit Tekniku speċjalment fejn ivvalutat il-fond erba mija u disat elef ewro (€409,000) (*fol.*156 *et seq.)* fl-2020 u wasslet għall-valur lokatizzju tas-sena 2020 billi kkapitaliżżat il-valur tal-proprjeta' bil-persentaġġ ta' 5.8% *fol*.160). Il-Perit Tekniku tipprovdi illi ħadmet lura bir-rati ta' inflazzjoni biex ħarġet il-valur lokatizzju mis-sena 1987 sal-2020 (*fol.161)*;

ii. Ir-risposta tal-Perit Tekniku, għad-domandi in eskussjoni tal-Avukat tal-Istat (*fol.* 172 et seq.) fejn spjegat illi meta ħadmet il-valur lokatizzju b'lura sas-sena 1987 qiset biss l-indiċi ta' inflazzjoni (*fol.*176 *et seq.);*

iii. Id-Dikjarazzjoni *Causa Mortis* tad-9 ta' Novembru 2016, fejn ġie ddikjarat li nofs is-sehem indiviż tal-fond kien mogħti l-valur ta' għoxrin elf ewro (€20,000) (*fo*l.45 *et seq*.);

iv. Id-Dikjarazzjoni *Causa Mortis* tat-18 ta' Ġunju 2004, fejn ġie

ddikjarat li 1/12 sehem indiviż tal-fond kien ivvalutat erbat elef Liri Maltin (Lm4000) u 1/24 sehem indiviż tal-fond soġġett għall-użufrutt a favur Patrick Decesare kien ivvalutat elfejn Liri Maltin (Lm2000) (*fol.* 40 *et seq)*;

v. Id-Dikjarazzjoni *Causa Mortis* tas-26 ta' Mejjju 2001, fejn 1/3 sehem indiviż tal-fond kien ivvalutat sitt elef u mitt Lira Maltin (Lm6100) u 1/6 sehem indiviż tal-fond soġġett għall-użufrutt a favur Patrick Decesare kien ivvalutat elf u tmien mitt Liri Maltin (Lm1800) (*fol* 34 *et seq.);*

vi. Id-Dikjarazzjoni *Causa Mortis* tat-18 ta' April 1996 fejn 1/3 sehem indiviż tal-fond kien ivvalutat erbat elef u ħames mitt Lira Maltin (Lm4500) (*fol.*18. *et seq.);*

28. Kjarament xi tip ta' diskrepanza fil-valur mogħti lill-fond in kwistjoni jeżisti. Fuq naħa minnhom għandek ir-rapport tal-Perit Tekniku li fl-2020 ivvalutat il-fond erba' mija u disat elef ewro (€409,000) u fuq naħa oħra fl-2016 in-nofs indiviż tal-fond kien ivvalutat għoxrin elf ewro (€20,000).

29. Il-Qorti tqis li din id-diskrepanża hi r-riżultat tal-fatt li d-dikjarażżjoni *causa mortis* ħadet in konsiderażżjoni fond soġġett għal kiri kontrollat meta ingħatalu valur mentri ttieħed il-valur ta' fond ħieles għal għanijiet ta' kumpens fl-isfond tal-aggravju Kostitużżjonali.

30. Madankollu tenut kont tan-natura tal-aggravju in kwistjoni u li ma tressaq l-ebda appell mill-konvenuti sabiex jiġi rivedut il-kumpens mogħti din il-Qorti ma tistax tagħmel rikalkolu tal-kumpens kollu dovut. Għalkemm mhux ser tiskarta l-insenjament f'**Cauchi v Malta**, il-Qorti tqis li l-Perit Tekniku, ibbażat l-istima tal-fond billi qieset il-valur fl-2020 u mxiet b'lura sena b'sena bi stima kalkolata fuq ir-rata ta' inflażżjoni. Mhux normali li l-kirijiet ikollhom reviżjoni tal-kera kull sena u solitament l-istimi ta' periti tekniċi jagħtu l-valur lokatiżju kull ħames snin. Hi l-fehma tal-Qorti li dan il-metodu ma sarrafx fi stima realistika relatata għaż-żminijiet ippreċedew l-2020 kif ukoll li *rental yield* ta' 5.8% matul it-tletin sena u fuqhom tal-istima hi għolja u inċerta. Għalhekk qed jitnaqqas persentaġġ ieħor ta' 10% mill-figura ta' tliet mija u sebgħa u għoxrin elf, tmien mija u tletin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€327,830.87).

31. B'hekk il-kumpens pekunjarju dovut għandu jiġi aġġustat għall-mitejn ħamsa u disgħin elf u sebgħa u erbgħin ewro (€295,047).

32. Fir-rigward tal-kumpens non-pekunjarju, din il-Qorti tirreferi għall-kawża fl-ismijiet **B. Tagliaferro & Sons Limited (C-817) v. L-Avukat tal-Istat et.** fejn intqal illi:

> **Dwar il-kumpens non-pekunarju, il-Qorti tibda billi tirrileva li huwa żbaljat l-argument tal-attriċi li fil-ġurisprudenza ġiet stabbilita xi regola fissa li l-kumpens non-pekunarju għandu jiġi kkalkolat fis-somma ta' €500 għal kull sena li tkun damet għaddejja l-leżjoni. Il-kumpens non-pekunarju jirrifletti t-tbatija morali li tkun ġiet sofferta mill-vittma minħabba l-leżjoni li tkun ġiet konstatata mill-Qorti, u għalhekk huwa neċessarjament kwistjoni suġġettiva li tiddependi**

**<u>fuq iċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ</u>**.

33. Tenut kont il-*fattispecie* tal-każ, inkluż li r-rikorrenti akkwistaw il-fond minn wirt fi żminijiet differenti u li sal-intavolar tal-kawża odjerna ma jidhirx li qatt kien hemm xi azzjoni pożittiva min-naħa tar-rikorrenti sabiex jagħgustaw il-kirja in kwistjoni, din Il-Qorti tqis li ma għandux jiġi awmentat il-kumpens non-pekunjarju.

**Decide**

34. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qed tilqa' l-appell tar-rikorrenti limitatament billi:

i. Tirriforma s-Sentenza tal-Ewwel Qorti fejn illikwidat il-kumpens pekunjarju fl-ammont ta' mija u disgħa u tmenin elf, mitejn u wieħed u għoxrin ewro (€189,221) u minflok tillikwida l-ammont ta' mitejn ħamsa u disgħin elf u sebgħa u erbgħin ewro (€295,047) f'kumpens pekunjarju;

ii. Tikkundanna lill-Avukat tal-Istat iħallas l-ammonti hekk kif likwidati u riformati permezz ta' din is-Sentenza fis-somma komplessiva ta' tliet mija u ħamest elef, ħames mija u seba' ewro (€305,507) flimkien mal-imgħax legali mid-data tal-Ewwel Sentenza;

iii. Tordna li l-ispejjeż tal-appell tar-rikorrent u tal-intimat Noel Borg jiġu sopportati mill-Avukat tal-Istat.

Tikkonferma l-bqija tas-sentenza appellata.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss

ANNESS A

| **Sena** | **Valur Lokatizzju Annwali skont DOK P2 *a fol.* 168.** |
|---|---|
| 1987 | 11,751 |
| 1988 | 11,863 |
| 1989 | 11,965 |
| 1990 | 12,322 |
| 1991 | 12,635 |
| 1992 | 12,842 |
| 1993 | 13,373 |
| 1994 | 13,926 |
| 1995 | 14,480 |
| 1996 | 14,841 |
| 1997 | 15,302 |
| 1998 | 15,668 |
| 1999 | 16,001 |
| 2000 | 16,381 |
| 2001 | 16,861 |
| 2002 | 17,230 |
| 2003 | 17,454 |
| 2004 | 17,941 |
| 2005 | 18,481 |
| 2006 | 18,993 |

| | |
|---|---|
| 2007 | 19,230 |
| 2008 | 20,049 |
| 2009 | 20,468 |
| 2010 | 20,778 |
| 2011 | 21343 |
| 2012 | 21,859 |
| 2013 | 22,161 |
| 2014 | 22,230 |
| 2015 | 22,474 |
| 2016 | 22,618 |
| 2017 | 22,928 |
| 2018 | 23,194 |
| 2019 | 23,574 |
| 2020 | 23,725 |